NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 18 – IT-TLIETA, 19 TA' APRIL 2016

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joe Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużata: | Alfreda Abela | Membru |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 17 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

1.3. F'dan il-ħin il-Kumitat qabel li jiddiskuti mill-ewwel item 4 fuq l-aġenda dwar l-attivitajiet sportivi.

## 2. ATTIVITAJIET SPORTIVI

2.1. Is-Sinj. Vella infurmat li s'issa, għas-circuit training qed jattendu tmienja kull nhar ta' Tlieta u ħdax kull nhar t'Erbgħa. Għalhekk kien hemm dħul s'issa ta' €530.

2.2. Ikkummentat b'mod pożittiv ħafna fuq l-Instructor filwaqt li infurmat li l-miżata mitluba minnha tammonta għal €245 kull 10 sessjonijiet.

2.3. Is-Sinj. Vella fakkret li l-Parroċċa qed jitħallsu €8 kull sessjoni li ssir għall-użu tas-sala fejn isir dan it-taħriġ.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

3.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa li hija flimkien mas-SE kellhom mal-periti Rodney Micallef u Sara Pace tat-TM. It-tema ta' din il-laqgħa kienet it-tisbieħ tal-akwata ta' Ġnien Xatt il-Palm. Ġie spjegat li ż-żona ta' parkeġġ fil-ħsieb li tiġi pavimentata permezz ta' pavimentar li jikber il-ħaxix minn bejnietu. Is-SE ippropona wkoll, u qablu miegħu, li minn taħt il-pavimentar jgħaddu katusi biex minnhom ikun jista' jgħaddu wajers jekk ikun hemm ħsieb li jsir id-dawl. Qabel ma jista' jinbeda l-proġett però, TM trid tapplika mal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Kumitat kien infurmat li l-Perit Micallef wiegħed li se jgħaddi kopja tad-disinn b'mod diġitali lill-Kumitat.

3.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet ukoll il laqgħa li hija flimkien mas-SE kellhom mal-Ing. Magaret Zammit u s-Sur Simon Cioffi, mit-taqsima tax-Xogħlijiet dwar il-qagħda ta' Ġnien Santa Marija tal-Anġli. Iċ-*Chairperson* spjegat li l-problema tal-elettriku ġiet

solvuta, għaldaqstant il-ġnien m'għadux jintefa'. Fil-laqgħa ntqal li kull nhar ta' Tnejn, persuna minn din it-taqsima għandu jkun fil-ġnien sabiex jagħmel xogħol ta' tindif u manutenzjoni. Affarijiet oħra li kienu deċiżi huma: t-tabelli (li għandhom jinkludu estratt tal-liġi kontra t-tipjip) f'idejn il-Kumitat Amministrattiv; il-gazebos f'idejn it-taqsima tax-Xogħlijiet u l-bankijiet se jiġu xkatlati mill-*Manufacturing and Services Division* u possibilment jinżebgħu minnhom ukoll b'żebgħa li jipprovdi l-Kunsill. Kien spjegat li l-laqgħa kienet essenzjali biex wieħed jifhem id-diffikultajiet ta' proċeduri u proċessi jkollu jgħaddi minnhom id-Dipartiment tax-Xogħlijiet.

3.3. Iċ-*Chairperson* spjegat li hija flimkien mal-ħaddiem tal-Kunsill Victor Mula, qegħdin iduru t-toroq ta' Baħar iċ-Ċagħaq sabiex jimmarkaw it-toqob għat-tabelli tat-tismija tat-toroq.

3.4. Is-Sinj. Vella kienet skużatha. Il-ħin kien il-5.30pm.

## 4. PROĠETT GĦAL XATT IL-PALM

4.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-qbil li ntlaħaq sabiex titnaddaf l-akwata ta' Triq Xatt il-Palm, li tinsab maġenb is-sit mikri lill-iscouts ta' B'Kara. Il-kuntrattur magħżul huwa Christian Galea u l-prezz miftiehem huwa ta' €700. Ix-xogħol rikjest huwa sabiex jaqta' l-ħaxix u jnaddaf l-akwata mill-istess ħaxix u xi skart ieħor. Ix-xogħol se jibda fil-ġimgħa numru 17.

4.2. Is-Sinj. Cuomo esprimiet ix-xewqa tagħha sabiex ladarba jitlesta x-xogħol ta' tindif, isir ċint pulit li jdawwar l-akwata in kwestjoni. Kien għalhekk li s-SE ssuġġerixxa li dawn ikunu blokok tal-konkos miksijin bil-gagazz u għaldaqstant il-Kunsill se jitlob xi stimi.

## 5. ĦWEJJEĠ OĦRA

5.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet it-talba li rċiviet mingħand resident li joqgħod fi Triq Xatt il-Palm. Huwa talab sabiex ir-*reserved parking* ta' faċċata tad-dar tiegħu, tiġi spustjata biex titpoġġa fin-naħa tad-dar tiegħu. F'dan id-dawl il-Kunsill se jikteb lit-TM.

5.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet is-suġġerimenti li rċeviet sabiex il-laqgħa tal-komunità ta' Baħar iċ-Ċagħaq timxi b'ġimgħa minħabba li xi residenti li jixtiequ jatendu se jkunu indisposti fl-ewwel data stabilita. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa ssir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2016.

5.3. Iċ-*Chairperson* esprimiet l-opinjoni li kemm-il darba l-iskips ta' Baħar iċ-Ċagħaq jitneħħew, Baħar iċ-Ċagħaq ikun aktar nadif. Dan għaliex madwarhom ta' spiss, qiegħed jinstab kull xorta ta' skart. Barra minn hekk qalet li peress li l-bini f'Baħar iċ-Ċagħaq qiegħed kull ma jmur jiżdied, ħadd mir-residenti ma jridhom quddiemu. F'dan ir-rigward, is-SE ppropona sabiex dan il-ħsieb jitressaq waqt il-laqgħa tal-komunità biex ir-residenti jkollhom l-opportunità jesprimu l-ħsieb tagħhom.

5.4. Iċ-*Chairperson* żiedet tgħid li s-servizz tal-ġbir tal-iskart mhux qed ikun sodisfaċenti. Dan għaliex qiegħed idum ħafna sa ma jinġabar, u saħansitra qiegħed ikun hemm min ma jinqediex minkejja li jkun ħalla l-boroż barra l-jum kollu. Is-Sinj. Muscat issekondat lis-Sinj. Cuomo.

5.5. Is-Sinj. Cuomo resqet talba għal bozza ġdida fi Triq l-Arzella kantuniera ma' Triq is-Sikka.

5.6. Is-Sinj. Muscat semmiet l-inkonvenjenza li s-sewwieqa qegħdin isibu meta jiġu biex joħorġu minn Triq ir-Ridott għal Triq il-Kosta minħabba billboard u tabella tat-traffiku li tpoġġew f'post li qiegħed jgħattilhom mil-viżjoni għall-karozzi li jkunu

ġejjien min-naħa ta' Pembroke. Il-Kunsill kien diġa rċieva dan ir-rapport u ħa ħsieb jgħaddi r-rapport permezz tas-sistema C.C.S.

5.7. Is-Sinj. Muscat infurmat lill-Kumitat li se torganizza ħarġa kulturali nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju 2016. Il-ġita se tibda permezz ta' quddiesa fil-Ħniena Divina, l-Qrendi u wara bibita, ż-Żurrieq. Għaldaqstant il-Kunsill intalab sabiex jagħmel avviż u jgħaddih lil Fr Paul Attard kif ukoll sabiex jagħmel avviż ieħor għal fuq in-*notice boards*.

5.8. Is-Sur Bonello qal li qiegħed isir abbuż mingħand sid il-gabbana ta' wara l-gabbana tal-ġelati, fid-dawl tal-umbrelel u l-għadd ta' mwejjed u siġġijiet li qiegħed joħroġ quddiem il-gabbana tiegħu mingħajr permess. Dan qiegħed iservi għal telf ta' parkeġġi filwaqt li m'hemm l-ebda kontroll fuq ż-żona li qiegħed jikkamparra. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-Kunsill għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet u lil M.T.A. f'dan ir-rigward.

## 6. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

6.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar It-Tlieta 24 ta' Mejju, 2016 għal-5:00pm.

6.2. Il-laqgħa ntemmet fis-6:30pm.

Mary Anne Cuomo
**Chairperson**

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
**Segretarju Eżekuttiv**